MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 779/2003

**Commonwealth Educational Society Ltd ta' Nassau, Bahamas kif rappres-entata lokalment mill-mandatarju taghha Godfrey Aquilina**

**Vs**

**Joseph Dingli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u disghajn lira Maltija u erba' u ghoxrin centezmu (Lm190.24) bhala bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati skond skrittua ffirmata bejn il-partijiet u datata 6 ta' Gunju 2000.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota ta’ l-ammissjoni prezentata mill-konvenut fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u disghajn lira Maltija u erba’ u ghoxrin centezmu (Lm190.24), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------